**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 12 ta' Jannar, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Burgh Spiteri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Burgh Spiteri detentur tal-karta tal-identita numru: 104590(M)

Akkuzat talli nhar it-18 ta' Novembru, 2015 ghall-habta ta' bejn 12:30 hrs u 15:30hrs minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni LQZ 281 tal-ghamla Ford Fiesta illi kienet ipparkjata gewwa Triq il-Lanca Valletta ikkommetta serq ta' basket u oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta' Lara Fiorentino u jew persuna/i ohra (Art. 261(b)(c)(g), 263(a), 267, 271(g), 278(3) Kap 9);

U aktar talli f' l-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamilt hsara fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LQZ 281 tal-ghamla Ford Fiesta liema hsara hija ta' mija u ghoxrin ewro (€120) u dan ghad-detriment ta' Lara Fiorentino u jew persuna/i ohra (Art 325(1)(c) Kap 9);

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-15 ta' Gunju, 2017 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat il-Pre-Sentencing Report inserit a fol 33 tal-atti processwali fejn il-Probation Officer Charisse Boffa spjegat li fil-prezent l-imputat qieghed jipprova jahdem fuq il-problema ta' droga peress li qieghed isegwi programm residenzjali u rrakkomandat li Burgh Spiteri jinghata Ordni ta' Probation skont l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal terminu ta' tliet snin. Il-Qorti taqbel ma din ir-rakkomandazzjoni stante li tahseb li permezz ta' dan l-Ordni l-imputat ikollu deterrent bizzejjed sabiex izomm 'il boghod mill-kriminalita, kif ukoll jista' jinghata l-gwida necessarja u jigi accertat li jsir il-progress mistenni hekk kif gie mfassal il-pjan ta' kura.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u addottat ir-rakkomandazzjonijiet tal-Probation Officer hekk kif spjegati aktar il-fuq.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 261(b)(c)(g), 263(a), 267, 271(g), 278 u 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Art. 7 tal-Kap 446 tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tliet (3) snin millum skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**